IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2024
COM(2024) 278 final

2024/0152 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa li tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[1] (id-Direttiva tal-VAT) sabiex tintroduċi ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni li jikkonferma li tranżazzjoni tikkwalifika għal eżenzjoni speċifika skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 151(1) ta' dik id-Direttiva.

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[2] (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT) jipprevedi ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-Dazju tas-Sisa, imfassal biex ikun f'verżjoni stampata ħalli jiġi ffirmat bl-idejn. Il-verżjoni stampata attwali jenħtieġ li tiġi sostitwita biċ-ċertifikat elettroniku l-ġdid sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jlaħħqu mad-domandi dejjem akbar fl-era diġitali u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji. Barra minn hekk, permezz tat-tali konverżjoni elettronika, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni tal-UE[3] li tirrikjedi li jistabbilixxu l-mezzi tekniċi meħtieġa biex ikun possibbli l-ipproċessar elettroniku tad-dokumenti ffirmati elettronikament meta jintuża servizz online provdut minn korp tas-settur pubbliku jew f'ismu.

Din l-inizjattiva sservi wkoll biex tallinja ruħha mal-qasam tad-dazji tas-sisa, fejn il-proċeduri elettroniċi huma diġà possibbli[4].

Bis-saħħa ta' dan, il-Kummissjoni se tkun tista' tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-format elettroniku applikabbli taċ-ċertifikat u l-mod li bih għandu jiġi proċessat elettronikament. L-atti ta' implimentazzjoni rispettivi għandhom jiġu adottati b'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010[5], filwaqt li tiġi applikata l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011[6].

---

1 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1), kif emendata.

2 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (riformulazzjoni) (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1).

3 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1506 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet marbutin mal-formati tal-firem elettroniċi avvanzati u tas-siġilli avvanzati li għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikoli 27(5) u 37(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 37).

4 L-Artikolu 12(3) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2020/262/oj)

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

6 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Din il-proposta hija r-riżultat ta' analiżi fid-dettall tal-fattibbiltà u l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni, imwettqa fuq talba tal-Istati Membri, li ħadu dan l-element minn proposta preċedenti tal-Kummissjoni ta' April 2021[7] ('l hekk imsejħa proposta ta' "xiri u għoti ta' donazzjoni") u talbu aktar informazzjoni dwar l-aspetti ta' implimentazzjoni meta l-emendi korrispondenti tad-Direttiva tal-VAT ġew adottati f'Lulju 2021[8].

Wara l-appoġġ estensiv muri fis-36 laqgħa tal-Grupp dwar il-futur tal-VAT f'Diċembru 2021 għal trasformazzjoni elettronika taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni, f'Mejju 2022, il-Grupp ta' Esperti tal-SCAC[9] (SCAC, Standing Committee on Administrative Cooperation) ta l-kompitu lill-SCIT[10] (SCIT, Sub-committee for IT matters) biex jistudja l-fattibbiltà u l-kostijiet ta' tali proġett kif ukoll l-aspetti ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-Grupp ta' Esperti tal-SCAC iddiskuta l-eżitu ta' dan l-istudju tekniku[11] waqt is-27 laqgħa tiegħu fi Frar 2023[12].

Waqt it-43 laqgħa tal-Grupp dwar il-Futur tal-VAT li saret f'Novembru 2023, intlaħaq kunsens dwar il-prinċipju li jkun hemm soluzzjoni diġitali għaċ-ċertifikat tal-eżenzjoni bi preferenza għal għażla li tinvolvi formola elettronika f'format PDF akkumpanjata minn proċess kompletament elettroniku. Din is-soluzzjoni teknika għandha l-vantaġġ li żżid mal-istandards diġà żviluppati peress li tibbaża fuq l-istack tekniku u t-teknoloġiji b'sors miftuħ ta' DĠ TAXUD, u b'hekk tista' tiġi introdotta fiċ-ċentri tad-*data* ta' DĠ TAXUD. Id-diskussjonijiet tekniċi mal-Istati Membri se jkomplu fl-SCAC u fl-SCIT, inkluż analiżi ulterjuri tad-dettalji tekniċi, li permezz tagħhom l-Istati Membri se jkunu jistgħu jiksbu l-elementi meħtieġa għall-kalkolu tal-kostijiet tagħhom.

Fid-dawl tal-għadd kbir ta' proġetti tal-IT li għandhom bħalissa, l-Istati Membri se jitħallew ikomplu jużaw il-verżjoni stampata taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni għal perjodu tranżitorju sat-30 ta' Ġunju 2030. Sabiex ikun kemm jista' jkun faċli għall-Istati Membri li jaqilbu għall-proċedura elettronika, din l-għażla jenħtieġ li tkun flessibbli u disponibbli abbażi ta' kull tranżazzjoni.

Fl-interessi taċ-ċertezza legali u s-simplifikazzjoni amministrattiva, u biex jiġu evitati kostijiet addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-IT, mhi se ssir l-ebda distinzjoni bejn it-tranżazzjonijiet domestiċi u dawk transfruntiera meta jiġi applikat iċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni. Iċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni se jiġi applikat ukoll jekk l-eżenzjoni tingħata permezz ta' rifużjoni tal-VAT f'konformità mal-Artikolu 151(2) tad-Direttiva tal-VAT.

Barra minn hekk, din il-proposta żżid dispożizzjoni ġdida li tiċċara li f'każijiet meta l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux japplikaw, il-korp jew l-individwu eliġibbli li joħroġ iċ-ċertifikat ikun responsabbli li jħallas kwalunkwe VAT dovuta. F'każijiet bħal dawn, il-persuna taxxabbli tkun żvantaġġata bla bżonn minħabba talba għal ħlas addizzjonali tal-VAT, peress li normalment il-korp jew l-individwu eliġibbli biss ikun jaf bl-informazzjoni rilevanti dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni. Tali kjarifika

---

7 Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku (COM(2021) 181 final).

8 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/1159 tat-13 ta' Lulju 2021 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-eżenzjonijiet temporanji fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 250, 15.07.2021, p. 1).

9 Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva

10 Is-Sottokumitat għall-kwistjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni

11 Ara l-istudju tekniku anness mad-dokument SCIT 214

12 Ara d-dokument ta' ħidma SCAC-EG Nru 158 u l-minuti tal-laqgħa, id-dokument SCAC-EG Nru 159.

meħtieġa wkoll biex tiġi evitata l-inċertezza legali. Sabiex jiġu evitati piżijiet bla bżonn f'dawn il-każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli l-korpi jew l-individwi eliġibbli jkunu jistgħu jħallsu l-VAT dovuta mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni sħiħa tal-VAT.

Il-klawżola ta' awtovalidazzjoni prevista fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT se tinżamm għall-proċedura elettronika l-ġdida. B'konsegwenza ta' dan, jekk l-oġġetti jew is-servizzi jkunu maħsuba għall-użu uffiċjali, l-Istati Membri jistgħu jiddispensaw lill-korp jew lill-individwu eliġibbli mir-rekwiżit li jkollu ċertifikat tal-eżenzjoni ffirmat b'mod elettroniku mill-Istat Membru ospitanti bil-kundizzjonijiet li jistgħu jistabbilixxu huma. Din l-eżenzjoni tista' tiġi rtirata fil-każ ta' abbuż.

L-Istati Membri se jkollhom japplikaw ir-regoli l-ġodda mill-1 ta' Lulju 2026, u b'hekk se jkollhom biżżejjed żmien biex jimplimentaw iċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT u l-proċedura l-ġodda.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Permezz tal-proposta hija possibbli l-konverżjoni elettronika taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni bħala l-pass li jmiss wara l-adattament tiegħu fl-2022[13], li jirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 151(1) tad-Direttiva tal-VAT, ħalli jiġu inklużi l-attivitajiet tal-Unjoni skont il-Politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK)[14] u l-miżuri tal-Unjoni b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19[15].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-introduzzjoni taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT hija konformi mal-inizjattivi meħuda bħala parti mill-politika tad-diġitalizzazzjoni tal-UE, bħad-Dikjarazzjoni ta' Berlin dwar Soċjetà Diġitali u Gvern Diġitali bbażat fuq il-Valuri[16], u se tgħin lill-Istati Membri jgħammru lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-użu ta' firem elettroniċi avvanzati stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE[17].

---

13 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/432 tal-15 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa (ĠU L 88, 16.3.2022, p. 15)

14 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/2235 tas-16 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforzi ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 10)

15 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/1159 tat-13 ta' Lulju 2021 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-eżenzjonijiet temporanji fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 250, 15.07.2021, p. 1)

16 https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/berlin-declaration-digital-society-and-value-based-digital-government

17 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1506 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet marbutin mal-formati tal-firem elettroniċi avvanzati u tas-siġilli avvanzati li għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikoli 27(5) u 37(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 37).

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan l-Artikolu jipprevedi li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jkun ikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jadotta d-dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tista' tittieħed biss azzjoni fil-livell tal-Unjoni jekk l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri waħedhom u, għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjonijiet proposti, ikunu jistgħu jinkisbu aħjar mill-UE. Id-Direttiva tal-VAT attwali tipprevjeni lill-Istati Membri milli jintroduċu u japplikaw ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ u hija proporzjonata mal-objettivi segwiti. L-inizjattiva tintroduċi ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni li jikkonferma li tranżazzjoni tikkwalifika għal eżenzjoni speċifika skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 151(1) tad-Direttiva tal-VAT. Minħabba ż-żieda fil-piż amministrattiv u n-nuqqas ta' flessibbiltà assoċjati mal-proċedura ta' eżenzjoni bbażata fuq dokumenti stampati, il-miżuri proposti se jwasslu għal simplifikazzjoni sinifikanti u ffrankar tal-kostijiet fit-tul, u għaldaqstant huma proporzjonati fid-dawl tal-impatt baġitarju limitat tagħhom.

- **Għażla tal-istrument**

Tenħtieġ Direttiva biex id-Direttiva tal-VAT attwali tiġi emendata.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma twettqet l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati minħabba n-natura teknika ħafna ta' din l-inizjattiva u l-allinjament tagħha mal-isforzi fil-livell tal-UE biex jiġu promossi l-interazzjonijiet diġitali tal-gvern.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, wettqet studju tekniku biex tidentifika soluzzjoni possibbli tal-IT għall-introduzzjoni ta' ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni u proċedura korrispondenti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt separata minħabba n-natura teknika u l-kamp ta' applikazzjoni ristrett ħafna ta' din l-inizjattiva.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-konverżjoni elettronika proposta tal-proċedura ta' eżenzjoni mill-VAT tappoġġa l-adattament għall-era diġitali u ssaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadini fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, kif protetti mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta se tneħħi l-piż amministrattiv u l-kostijiet assoċjati mal-ipproċessar tal-verżjoni stampata taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT. Il-Kummissjoni se ġġarrab ħafna mill-kostijiet għall-implimentazzjoni u l-operazzjoni tas-soluzzjoni diġitali, stmati għal EUR 2,9 miljuni, li se jkunu finanzjati kompletament mill-programm FISCALIS fil-pakkett finanzjarju tagħha previst fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali. Il-kostijiet għall-Istati Membri mistennija jkunu ftit u fil-biċċa l-kbira se jkunu relatati mal-għoti tal-aċċess għall-applikazzjoni ċentrali.

Iċ-ċertifikat elettroniku l-ġdid mhux se jaffettwa l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet mill-VAT applikati. Għalhekk mhu se jkun hemm l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE peress li r-riżorsi proprji bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) mhux se jiġu affettwati.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma għandhiex bżonn ta' Dokumenti ta' Spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 għandu l-għan li jemenda d-Direttiva tal-VAT billi permezz tiegħu, il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tista' tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni li jipprevedu ċertifikat elettroniku li jikkonferma li t-tranżazzjoni tikkwalifika għal eżenzjoni speċifika skont is-subparagrafu tal-Artikolu 151(1) tad-Direttiva tal-VAT, li jinħareġ mill-korp jew mill-persuna eliġibbli li tirċievi l-provvista eżentata tal-oġġetti jew is-servizzi, u li flimkien mal-Istat Membru ospitanti jkun se jiffirma dak iċ-ċertifikat b'mezzi elettroniċi.

L-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa għandu jkun fihom id-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-format u l-ipproċessar elettroniku taċ-ċertifikat, u għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, li għaliha għandu jintuża l-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.

Minħabba l-għadd kbir ta' proġetti tal-IT li għaddejjin bħalissa, l-Istati Membri jistgħu minflok jużaw il-verżjoni stampata taċ-ċertifikat stabbilita fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT għat-tranżazzjonijiet imwettqa sat-30 ta' Ġunju 2030.

Filwaqt li jiġi rikonoxxut li n-negozji normalment ma jkollhomx aċċess għall-informazzjoni rilevanti, qed jiġi ċċarat li jekk il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux japplikaw, huwa l-korp jew l-individwu eliġibbli li joħroġ iċ-ċertifikat elettroniku li jkun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe VAT lill-Istat Membru meta tkun dovuta.

Sabiex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien ħalli jimplimentaw il-proċedura elettronika l-ġdida, se jkollhom japplikaw ir-regoli l-ġodda mill-1 ta' Lulju 2026.

2024/0152 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[18],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[19],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) L-Artikolu 51 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[20] jipprevedi li ċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u/jew mid-dazju tas-sisa, stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament, iservi biex jikkonferma li provvista ta' oġġetti jew servizzi mogħtija lil korp jew individwu eliġibbli, tikkwalifika għal eżenzjoni skont l-Artikolu 151 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[21]. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 jipprevedi ċertifikat tal-eżenzjoni f'forma stampata li jeħtieġ jiġi ffirmat bl-idejn. Jeħtieġ li l-proċess tal-ħolqien u tat-tressiq taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni jiġi diġitalizzat u li d-dokument stampat jiġi sostitwit b'dokument f'format elettroniku sabiex jiġu minimizzati l-burokrazija u l-piż amministrattiv kif ukoll jitnaqqsu l-kostijiet fit-tul.

(2) Fid-dawl tal-għadd kbir ta' proġetti tal-IT li jużaw ħafna riżorsi, li huma involuti fihom l-Istati Membri, flimkien ma dak li hu meħtieġ biex jaqilbu għal ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà u biżżejjed żmien biex ilestu t-tranżizzjoni għall-proċedura elettronika l-ġdida. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jitħallew ikomplu jużaw il-formola stampata stabbilita fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 għat-tranżazzjonijiet imwettqa matul il-perjodu tranżitorju.

---

18 ĠU C , , p. .

19 ĠU C , , p. .

20 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/282/oj).

21 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj).

(3) Wara li jkun inħareġ ċertifikat tal-eżenzjoni, huwa possibbli li korp jew individwi eliġibbli għal eżenzjoni għax-xiri tiegħu skont l-Artikolu 151 tad-Direttiva 2006/112/KE, isir jaf li l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni inkwistjoni mhumiex issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati. Tali informazzjoni normalment tkun magħrufa biss minn dak il-korp jew individwu peress li l-valutazzjoni tal-konformità ma' dawk il-kundizzjonijiet jeħtieġ titwettaq abbażi tal-attivitajiet tal-korp jew tal-individwu li jsirulu l-provvisti u li permezz tiegħu jeħtieġ jintużaw dawk l-oġġetti jew is-servizzi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-persuni taxxabbli u biex jiġu evitati piżijiet żejda fuq il-persuni taxxabbli, jeħtieġ jiġi ċċarat li f'tali każijiet, il-VAT dovuta jenħtieġ li titħallas mill-korp jew mill-individwu eliġibbli li jkun ħareġ iċ-ċertifikat tal-eżenzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw piżijiet bla bżonn f'każijiet eċċezzjonali bħal dawn billi jawtorizzaw il-ħlas tal-VAT mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni sħiħa tal-VAT.

(4) Filwaqt li tinżamm l-għażla attwalment disponibbli għall-verżjoni stampata taċ-ċertifikat, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jkomplu jirrinunzjaw ir-rekwiżit li ċ-ċertifikat elettroniku jiġi ffirmat mill-Istat Membru ospitanti, soġġetti għall-kundizzjonijiet li jistgħu jistabbilixxu u li jistgħu jiġu rtirati f'każ ta' abbuż.

(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 151(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22].

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2006/112/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 151 tad-Direttiva 2006/112/KE jiżdiedu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. L-Istati Membri għandhom jużaw ċertifikat elettroniku biex jikkonfermaw li t-tranżazzjoni tikkwalifika għall-eżenzjoni prevista fil-paragrafu 1, l-ewwel subaragrafu. Il-korp jew l-individwu eliġibbli li jirċievi l-provvista eżentata tal-oġġetti jew tas-servizzi, għandu joħroġ iċ-ċertifikat u jiffirmah b'mezzi elettroniċi flimkien mal-Istat Membru ospitanti.

Jekk l-oġġetti jew is-servizzi jkunu maħsuba għall-użu uffiċjali, l-Istati Membri jistgħu jiddispensaw lill-korp jew lill-individwu eliġibbli mir-rekwiżit li jkollu ċ-ċertifikat iffirmat mill-Istat Membru ospitanti bil-kundizzjonijiet li jistgħu jistabbilixxu huma. Din id-dispensa tista' tiġi rtirata fil-każ ta' abbuż. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-punt ta' kuntatt dežinjat biex jidentifika s-servizzi responsabbli għall-iffirmar taċ-ċertifikat b'mezzi elettroniċi u kemm jistgħu jiddispensaw minn dan ir-rekwiżit. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-informazzjoni li tressqet mill-Istati Membri.

B'deroga mill-ewwel żewġ subparagrafi, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw il-verżjoni stampata taċ-ċertifikat stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta'

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011* għal kwalunkwe tranżazzjoni li ssir sat-30 ta' Ġunju 2030.

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-format elettroniku taċ-ċertifikat imsemmi fl-ewwel subparagrafu u l-ipproċessar tiegħu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u għal dan l-għan, il-kumitat għandu jkun il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

1b. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, jekk il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux japplikaw, il-korp jew l-individwu eliġibbli li jkun ħareġ u ffirma ċ-ċertifikat, għandu jkun responsabbli li jħallas il-VAT lill-Istat Membru meta tkun dovuta.

---

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/282/oj).".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 2026. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn tal-aħħar għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert mill-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President